MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 283/2010

**A B**

**-vs-**

**Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tat-2 ta' Settembru 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri C D;**
**E D; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-esponent u l-konvenuta E D kellhom relazzjoni bejniethom li minnha twieldet il-minuri C D ta' erba' snin (certifikat tat-twelid – Dok. A).

Illi fic-certifikat tat-twelid, l-istess minuri giet indikata li ghandha missier mhux maghruf.

Illi l-esponent huwa l-missier naturali tal-minuri, hekk kif jirrizulta anke mir-rizultati tat-testijiet xjentifici relattivi, hawn annessi bhala Dok. B.

Illi l-esponent jixtieq jaghraf lil din il-minuri bhala bintu, u jixtieq li fic-certifikat tat-twelid taghha, kull fejn hemm indikat 'missier' jigi mnizzel ismu bhala missierha, u li konsegwentement l-istess minuri tibda ggib il-kunjom 'B'.

Illi minkejja li gharraf l-intenzjoni tieghu lill-intimata E D permezz ta' ittra ufficjali (Dok. C) ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimata ma pprezentat l-ebda risposta.

Illi l-konvenuta E D qieghda ghalhekk ingustament iccahhad lill-esponent mid-dritt tieghu li jigi maghruf bhala missier il-minuri C, u ghalhekk kellu jinkorri spejjez f'dawn il-proceduri li setghu gew evitati facilment, kieku l-konvenuta hadet l-iktar triq naturali li setghet tiehu, li pero' ma hadithiex.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi l-esponent huwa l-missier naturali tat-tarbija C D.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri fis-sens illi l-esponent jigi indikat bhala missier il-minuri, u li l-istess minuri tibda ggib il-kunjom 'B'.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' April 2010, u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tat-2 ta' Settembru 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-minuri C D.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:

Illi preliminarjament l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors promotur u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi probatorji, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, b'referenza ghat-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess rikorrenti sabiex permezz ta' nota guramentata jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, ossia l-isem u l-kunjom, id-dokument tal-identita', l-eta' tieghu meta twieldet it-tifla, il-post tat-twelid tieghu, il-post ta' residenza tieghu meta twieldet it-tifla, isem u kunjom ta' missieru u jekk l-imsemmi missier kienx ghadu haj jew kienx mejjet meta twieldet it-tifla C. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid numru progressiv 3083 tas-sena 2005;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi fuq imsemmija li eccepew:

Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti tal-fatti u ghalhekk jirrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri meta u jekk ikunu edotti mill-istess fatti.

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri skond kif premess mil-Ligi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, E D ghazlet li ma twegibx ghall-kawza, ghalkemm dehret fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011.

Ikunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, A B qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li hu missier naturali tal-minuri C li twieldet minn relazzjoni li hu kellu mal-intimata E D. Din tal-ahhar cahdet li tikkopera mieghu ghalkemm interpellata. Jirrizulta minghajr dubju illi dak li jsostni A B huwa minnu u gie pruvat permezz tar-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis li t-talba ta' A B hija gustifikata u jisthoqqilha li tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' A B u tiddikjara li l-istess A B huwa missier naturali tal-minuri C li twieldet fl-20 ta' Settembru 2005;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 3083 tas-sena 2005, fil-kolonna bid-dettalji tal-missier ghandhom jitnizzlu l-konnotati ta' A B, Karta tal-Identita' Nru. 289283(M), tal-eta' ta' tnejn u ghoxrin sena, imwieled Pieta' u residenti Haz Zebbug, iben F B, haj. Kunjom il-minuri ghandu jkun B D.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn E D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------